MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## ABIGAIL LOFARO

Seduta tas-16 ta' Dicembru, 2008

Citazzjoni Numru. 356/2005

**Albert Mizzi ghan-nom ta' Mizzi Associated Enterprises Limited (C 1372)**
**vs**
**Noel Agius u Andre Agius f'isimhom u Kenneth Dimech bhala stralcjarju in rapprezentanza ta' Triangle Investments Limited**

Il-Qorti:

Rat ic-citazzjoni ippresentata mill-attur nomine fid-19 ta' April, 2005, li *in forza* taghha, wara li ippremetta:

Illi b'skrittura privata fl'Atti tan-Nutar Dottor Charles Mangion datata 14 ta' Mejju 2001 - Dok. M1 - il-konvenut Noel Agius f'isem Triangle Investments Limited akkwista minghand il-attur diversi shares kemm ordinarji kif ukoll preferenzjali tal-kumpanija Lapsi Court Limited u skond klawsola (iii) kellu jhallas il-penali ta' hamsa u ghoxrin elf tlett mija u sebghin Lira Maltin (Lm 25,370) lis-socjeta attrici, sal-15 ta' Mejju 2003, bir-rata ta' interessi bit-tmienja fil-mija (8%);

Illi Ronnie Agius, missier il-konvenut effettwa zewg pagamenti f'isem il-konvenut akkont ta' dan id-debitu. L-ewwel pagament sar fil-20 ta' Dicembru 2002 u kien jammonta ghal tmient elef erbgha mija u sebgha u hamsin Liri Maltin (Lm 8457).  It-tieni pagament sar fil-20 ta' Mejju 2003 u kien jammonta ghal tnax-il elf mitejn u disgha u ghoxrin Liri Maltin (Lm 12,229). Ghalhekk ghad baqa bilanc ta' erbghat elef sitt mija u erbgha u tmenin (Lm 4684);

Illi b'kollox mill-14 ta' Mejju 2001 sal-22 ta' Dicembru 2004 il-interessi jammontaw ghal erbghat elef tmien mija u sebghin Liri Maltin (Lm 4870);

IIli ghalhekk il-konvenut huwa debitur veru, cert u Iikwidu fl'ammont komplessiv ta' disghat elef hames mija u erbgha u hamsin Liri Maltin (Lm9554);

Illi ghalkemm interpellat diversi drabi sabiex ihallas dan il-ammont, anke b'ittra ufficjali datata 17 ta' Jannar 2005, izda il-konvenut baqa inadempjenti, ghalkemm il-konvenut m'ghandux l-ebda eccezzjoni valida ghal din it-taIba.

Talab li l-konvenuti jghidu ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tghaddi sabiex tiddeciedi skond it-taIba tal-attur bid-dispensa tas-smiegh skond kif mahsub fil-Artikolu 167 tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili u b'hekk tikkundanna IiIl-konvenut ihallas il-ammont ta' disghat elef hames mija u erbgha u hamsin Lira Maltin (Lm 9554) kif premess, inkluz il-imghax legali mid-data tal-iskrittura privata sad-data taI-effettiv pagament;

BI-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali datata 17 ta' Jannar 2005;

Rat id-dikjarazzjoni u il-lista ta' xhieda tal-attur nomine;

Rat id-digriet taghha tal-14 ta' Gunju, 2005 li bih ordnat illi l-kawza issir fil-kors normali taghha u pprefiggiet lill-

konvenuti t-terminu ta’ ghoxrin (20) gurnata biex jipprezentaw l-eccezzjonijiet taghhom.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenuti, li *in forza* taghhom huma eccepew :

1. Preliminarjament l-inkompetenza "rationae valoris" ta' din l-Onorabbli Qorti stante li il-valur tas-sorte minghajr imghax accessorju huwa inqas minn (Lm5000) hamest elef lira;
2. Minghajr pregudizzju l-eccipjenti proprio ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju ghaliex ma hemm l-ebda accenn fil-konfront taghhom dwar il-hlasijiet pretizi mis-societa' attrici kemm fil-korp tac-citazzjoni u dikjarazzjoni akkompanjanti, u lanqas fl-iskritturi li a bazi taghhom qed issir l-azzjoni;
3. Minghajr pregudizzju il-figura ta' penali kif mitluba mis-socjeta' attrici hija dik kompensatorja ai termini tal-Artikolu 1120(1) tal-Kodici Civili, u ghalhekk tirrappresenta telf li talvolta sofriet is-socjeta' attrici ghaliex is-societa' konvenuta ma adempietx l-obbligu taghha li tixtri u thallas ghall-ishma in kwistjoni. Ai termini tal-Artikolu 1139 tal-Kodici Civili danni ossia kumpens ghal inadempiment ta' obbligazzjoni li timporta hlas ta' flus huwa rappresentat b'imghax skond il-ligi fuq l-istess somma. Konsegwentement ma jistax jintalab hlas ta' imghax ulterjuri kif qed jsir mis-socjeta' attrici oltre il-penali;

Salvi eccezzjonijiet ohra;

Rat id-dikjarazzjoni u il-lista tax-xhieda tal-konvenuti;

Rat illi l-istralcarju, il-konvenut Kenneth Dimech, minkejja illi gie notifikat bic-citazzjoni, baqa ma pprezentax nota ta’ l-eccezzjonijiet, u ghalhekk huwa kontumaci.

Semghet lix-xhieda li tressqu;

Rat il-provi li gew prodotti, id-dokumenti li gew esebiti u l-atti ta’ dan il-procediment;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tas-socjeta' attrici tat-22 ta' Awissu 2008.

Rat illi l-konvenuti naqsu milli jipprezentaw nota ta' sottomissjonijiet.

Rat illi l-kawza thalliet ghas-sentenza ghallum.

Ikkunsidrat :

Illi xehed l-attur Albert Mizzi u qal illi kien biegh lill-konvenuti bicca art f'San Giljan, izda huma ma waslux u talbuh jestendilhom il-konvenju sabiex ibieghhuha lil haddiehor u huwa accetta li jigi estiz il-konvenju, izda talabhom ihallsuh l-imghax. Il-kuntratt sar, umbaghad l-art giet trasferita lill-kumpannija Cortis u kien hemm imghax ta' madwar hamsa u ghoxrin elf lira Maltin (LM25,000) li Cortis ma hallasx u ghalhekk ftehmu fuq il-kuntratt illi Agius kien ser ihallas il-hamsa u ghoxrin elf cirka u oltre l-interessi u ftehmu wkoll kif kienu ser jithallsu. L-attur kompla jixhed illi dakinhar thallsu l-ammont dovut. Cortis kien accetta li jhallas l-ammont, izda ma accettax li jhallas l-imghax dovut u ghalhekk Agius tghabbew bir-responsabbilta li jhallsu l-imghax. Skond l-attur fil-kuntratt ftehmu li ibieghu lil Cortis, Cortis ihallas l-imghax principali u l-interessi illi jkun hemm fuq il-penali jhallsuh Agius, oltre interessi fuq l-ammont ghaliex riedu aktar zmien biex ihallsu u hu accetta basta jhallsuh imghax bit-tmienja fil-mija. Huwa xehed illi l-ammont kollu kellu jithallas fuq tlett snin u qal illi l-konvenuti hallsu l-ewwel zewg pagamenti minghajr interessi, umbaghad ma hallsux aktar. Sussegwentement l-attur qal illi huwa baghatilhom diversi ittri registrati sabiex ihallsuh, izda baqghu ma hallsux.

Illi sussegwentement Albert Mizzi ipprezenta affidavit fejn qal illi fl-14 ta' Mejju 2001 kienu iltaqghu ghand in-Nutar Mangion u Noel Agius u Andre Agius f'isem u in rappresentanza ta' Triangle Investment Limited u Joseph Cortis f'isem u in rappresentanza ta' SMW Cortis Limited u saret skrittura private ghaliex Joseph Cortis ried jittrasferixxi u jassenja d-drittijiet tieghu rizultanti minn skritturi privati ohrajn lil Noel Agius u Andre Agius. Huwa

xehed illi jidher minn din l-iskrittura illi Noel Agius u Andre Agius obbligaw ruhhom illi jhallsu penali skond klawsola (iii) li tghid “Finally the second party undertakes to pay the first party, the sum of twenty five thousand three hundred and seventy Maltese Liri (LM25,370) by not later than the 15th May 2003, and moreover interest at the rate of 8% per annum calculated on the sliding scale shall accrue with effect from today in favour of first party.”

Huwa kompla jixhed illi jirrizulta mill-korrispondenza kollha bejn is-socjeta’ attrici u il-konvenuti illi filwaqt illi saru zewg pagamenti minn missier il-konvenuti ghadu dovut l-ammont ta’ disat elef hames mija u erbgha u hamsin Liri Maltin (LM9,554). Huwa ikkonferma li l-ahhar hlas sar fl-20 ta’ Mejju 2003 kif jidher mill-ittra esebita Dok AM 10 u qal illi dan l-ammont huwa dovut ukoll kif jidher minn Fax datata 4 ta’ Ottubru 2004 esebit bhala Dok AM 11, fejn Ronnie Agius, missier il-konvenuti talab aktar zmien sabiex ihallas. Huwa xehed illi ghalkemm is-socjeta’ tat din l-estensjoni ta’ zmien ghall-hlas xorta wahda il-hlas baqa ma sarx u ghalhekk giet ipprezentata ittra ufficjali fis-17 ta’ Jannar 2005; liema ittra giet notifikata lill-konvenuti. Izda minkejja dan il-fatt l-ittra ufficjali baqghet minghajr risposta u ma sar l-ebda hlas u ghalhekk kellha issir din il-kawza.

Ikkunsidrat :

Illi irrizulta mill-provi prodotti illi s-socjeta’ konvenuta Triangle Investments Limited giet xolta u gie nominat bhala likwidatur taghha Kenneth Dimech u illi l-istess Kenneth Dimech gie nominat likwidatur ta’ din is-socjeta fit-30 ta’ Ottubru 2003.

Ikkunsidrat :

Illi l-attur nomine talab permezz ta’ rikors illi jigi kjamat in kawza il-likwidatur tas-socjeta’ konvenuta, izda waqt is-seduta tat-13 ta’ Frar 2008 il-Qorti ordnat illi minflok ma jigi jigi kjamat in kawza il-likwidatur tintalab korrezzjoni fl-okkju tac-citazzjoni, kif fil-fatt sar u ghalhekk il-Qorti cahdet it-talba ta’ l-attur illi kien ghamel permezz ta’ rikors

datat 12 ta’ Dicembru 2007 u ghalhekk ma laqghetx it-talba tieghu sabiex tisfilza l-eccezzjonijiet illi gew ipprezentati mill-konvenuti, kif ukoll cahdet it-talba tieghu ghal dikjarazzjoni illi dak kollu li sar mill-konvenuti fil-mori ta’ dawn il-proceduri kien null u bla effett.

Illi waqt l-istess seduta tat-13 ta’ Frar 2008 Dottor Anna Mifsud Bonnici ghall-attur nomine talbet korrezzjoni fl-okkju tac-citazzjoni fis-sens illi wara l-kelma “u” jidhlu il-kliem “Kenneth Dimech bhala stralcarju.” Dr Farrugia ghall-konvenuti ma opponix u il-Qorti laqghet it-talba u ordnat il-korrezzjoni mitluba u Dr Farrugia ghall-konvenuti ta ruhu b’notifikat bic-citazzjoni kif korretta.

Illi c-citazzjoni giet ukoll notifikata lill-istralcarju Kenneth Dimech, illi pero’ baqa ma ipprezenta l-ebda nota ta’ l-eccezzjonijiet.

Ikkunsidrat :

Illi fl-14 ta’ Mejju 2001 saret skrittura privata li fuqha deher l-attur, deher ukoll Noel Agius u Andre Agius illi dehru f’isem u in rappresentanza tas-socjeta’ Triangle Investments Limited u deher Joseph Cortis f’isem u in rappresentanza tas-socjeta’ SMW Cortis Limited.

Illi inter alia permezz ta’ din l-iskrittura privata il-konvenuti Noel Agius u Andre Agius, illi dehru f’isem u in rapprestanza tas-socjeta’ Triangle Investments Limited obbligaw ruhhom illi jhallsu lill-attur nomine is-somma ta’ hamsa u ghoxrin elf tlett mija u sebghin lira (LM25,370) sa mhux aktar tard mill-15 ta’ Mejju 2003 u ftehmu wkoll b’imghax bir-rata ta’ 8% fis-sena “calculated on the sliding scale” illi kellhom jibdew jghoddu minn dakinhar ta’ l-iskrittura favur l-attur nomine. Ftehmu wkoll illi kienu ser jaqblu kif isiru l-pagamenti fi zmien tlett xhur minn dakinhar ta’ l-iskrittura. Huma ftehmu wkoll illi b’din l-iskrittura flimkien ma l-iskritturi ohrajn privati imsemmija f’din l-iskrittura kellhom jibqghu validi sal-15 ta’ Gunju 2004.

Ikkunsidrat :

Illi irrizulta wkoll illi saru zewg pagamenti, l-ahhar pagament sar fl-20 ta' Mejju 2003 u ghadu dovut il-pagament ta' disghat elef hames mija u erbgha u hamsin Lira Maltin (Lm9554).

Ikkunsidrat :

Illi s-socjeta' attrici ma allegatx abbuz ai termini ta' l-artikolu 67 tal-Att dwar il-Kumpaniji u ghalhekk il-Qorti ma tistax issib lill-konvenuti Noel Agius u Andre Agius hatja personalment.

Illi is-socjeta attrici allegat frodi da parti tal-konvenuti Noel Agius u Andre Agius fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha izda ma gietx segwita il-procedura idonea stante li tali talba trid tkun bil-formalita tas-soltu u trid ukoll issir l-awtorizzazzjoni ghal zieda fit-talbiet attrici.

Ikkunsidrat :

Illi l-funzjoni ta' l-istralcjarju hija inter alia illi l-istralcarju jikkustodixxi l-patrimonju tas-socjeta, jinvestiga l-pretizi kollha avanzati kontra s-socjeta' mill-kredituri taghha, jiddeciedi l-kwistjonijiet ta' gradwazzjoni li jinqalghu, jaghmel pjan ta' distribuzzjoni tal-attiv u jahseb ghat-tqassim meta l-imsemmi pjan ikun approvat, ihallas dak li ghandu jittiehed mis-socjeta f'daqqa wahda jew b'rati skond kif l-attiv tas-socjeta jippermetti. Dawn il-funzjonijiet u setghat huma previsti fl-Att dwar il-Kumpaniji.

Illi naturalment ghalhekk kwalunkwe kreditur ta' socjeta ghandu jfittex l-istralcjarju biex jithallas tal-kreditu tieghu (Vide Vol. XXIX p.1 p.1360).

Ikkunsidrat :

Illi s-socjeta' attrici qeghda tikkontendi illi l-ecezzonijiet moghtija mis-socjeta konvenuta huma nulli stante li inghataw meta din is-socjeta kienet diga fi stat ta' stralc.

Illi effettivament gie ippruvat illi meta gew ipprezentati l-eccezzjonijiet is-socjeta’ konvenuta kienet fi stat ta’ stralc, izda dan kollu gie sanat meta s-socjeta’ attrici ghamlet hi stess talba ghall-korrezzjoni fl-okkju waqt is-seduta tat-13 ta’ Frar 2008.

Illi madanakollu l-istralcarju tas-socjeta’ konvenuta, Kenneth Dimech, huwa kontumaci peress illi naqas illi jipprezenta l-eccezzjonijiet meta gie notifikat bic-citazzjoni kif korretta.

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti issa sejra tghaddi biex tiddeciedi t-talbiet attrici fid-dawl tan-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenuti.

Illi l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti hija l-inkompetenza "rationae valoris" ta' din il-Qorti stante li il-valur tas-sorte minghajr l-imghax accessorju huwa inqas minn (Lm5000) hamest elef lira. Illi f’dan ir-rigward il-Qorti rat l-Artikolu 760 (1) tal-Kap. 12 li jghid hekk :
“Fil-kawzi dwar kapitali u mghaxijiet, il-valur jigi determinat mis-somom tal-kapitali u ta’ l-imghaxijiet flimkien.”
Illi ghalhekk f’dan ir-rigward il-Qorti taqbel mas-sottomissjonijiet tas-socjeta’ attrici fis-sens illi skond klawsola numru 3 ta’ l-iskrittura privata fl-atti tan-Nutar Dottor Charles Mangion tal-14 ta’ Mejju 2001 il-konvenuti intrabtu li jhallsu l-penali li kienet tammonta ghal hamsa u ghoxrin elf tlett mija u sebghin Lira Maltin (Lm 25,370) lis-socjeta attrici, sal-15 ta' Mejju 2003, bir-rata ta' interessi bit-tmienja fil-mija (8%).

Illi ghalkemm il-konvenuti affettwaw zewg pagamenti u dan il-fatt ma gie ikkontestat bl-ebda mod, ghad baqa x’jithallas bilanc ta’ sebat elef sitt mija erba u tmenin lira Maltin (LM7,680) flimkien ma l-interessi mill-14 ta’ Mejju 2001 sat-22 ta’ Dicembru 2004 fuq is-somma ta’ hamsa u ghoxrin elf tlett mija u sebghin Lira Maltin (Lm 25,370) li jammontaw ghal erbat elef tmien mija u sebghin lira Maltin (LM4,870) u ghalhekk il-konvenuti huma debituri tal-attur

nomine fis-somma komplessiva ta’ disa’ telef hames mija u erba u hamsin lira Maltin (LM9,554).

Illi mill-Artikolu 760 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta huwa car illi din il-kawza tittratta kapital ta’ flus flimkien ma imghaxijiet u ghalhekk din il-Qorti ghandha gurisdizzjoni sabiex tisma u taqta din il-kawza.

Illi t-tieni eccezzjoni tal-konvenuti hija fis-sens illi l-konvenuti ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju ghaliex ma hemm l-ebda accenn fil-konfront taghhom dwar il-hlasijiet pretizi mis-socjeta' attrici kemm fil-korp tac-citazzjoni, fid- dikjarazzjoni u fl-iskritturi esebiti.

Illi l-Qorti tara illi f’dan il-kaz il-konvenuti f’isimhom proprju ghandhom ragun peress illi il-kostituzzjoni ta’ debitu ma sarx minnhom f’isimhom personali, izda fil-vesti taghhom bhala rappresentanti tas-socjeta’ Triangle Investements Limited.

Illi minn imkien mid-dokumenti esebiti mill-attur Dok AM 1 sa Dok AM 13 ma jirrizulta illi l-konvenuti assumew dejn tal-kumpannija f’isimhom proprju u ghalhekk il-Qorti tara illi din it-tieni eccezzjoni tal-konvenuti f’isimhom proprju ghandha tigi milqugha.

Illi fir-rigward tat-tielet eccezzjoni tal-konvenuti fis-sens illi minhabba l-fatt illi l-penali mitluba mis-socjeta’ attrici hija wahda kompensatorja ai termini tal-Artikolu 1120(1) tal-Kodici Civili ghalhekk ai termini tal-Artikolu 1139 tal-Kodici Civili danni ossia kumpens ghal inadempiment ta' obbligazzjoni li timporta hlas ta' flus huwa rapprezentat b'imghax skond il-ligi fuq l-istess somma u skond il-konvenuti ma jistax jintalab hlas ta' imghax ulterjuri oltre il-penali kif qieghed isir mis-socjeta' attrici.

Izda il-Qorti tara illi l-attur nomine qieghed jitlob il-hlas tas-somma ta’ disghat elef hames mija u erbgha u hamsin Lira Maltin (Lm 9554); liema somma tirrizulta minn klawsola specifika tal-kuntratt illi dahlu fih il-konvenuti nomine :

“Finally the second party undertakes to pay the first party, the sum of twenty five thousand three hundred and seventy Maltese Liri (LM25,370) by not later than the 15th May 2003, and moreover interest at the rate of 8% per annum calculated on the sliding scale shall accrue with effect from today in favour of first party.”

Illi ghandha ragun is-socjeta’ attrici tikkontendi illi l-ammont ta’ disghat elef hames mija u erbgha u hamsin Lira Maltin (Lm9554) huwa maghmul minn interessi li akkumulaw; liema interessi jammontaw ghas-somma ta’ erbat elef tmien mija u sebghin lira Maltin (LM4,870) u s-socjeta’ attrici fit-talba taghha qeghda titlob ukoll l-imghax legali fuq l-ammont komplessiv.

Illi l-Artikolu 1142 tal-Kodici Civili jghid hekk :
“L-imghaxijiet maghluqa jistghu jaghtu mghaxijiet ohra, sew bis-sahha tad-disposizzjonijiet ta’ l-artikoli ta’ qabel dan, minn dak in-nhar tat-talba gudizzjarja ghaldaqshekk jew bi ftehim li jsir wara li jaghlqu, basta li, fil-kaz il-wiehed u l-iehor, l-imghaxijiet ikollhom jinghataw ghal zmien ta’ mhux anqas minn sena.”

Illi fil-kaz in ezami l-imghax illi s-socjeta’ attrici qeghda titlob huwa dak ghall-perjodu mill-14 ta’ Mejju 2001 sal-21 ta’ Dicembru 2004 u ghalhekk l-imghax li qed jintalab ikopri tlett snin.

Illi in sostenn ta’ l-argument taghha is-socjeta’ attrici ghamlet referenza ghall-kawza deciza mill-Qorti ta’ l-Appell (Sede Inferjuri) fl-ismijiet “**Vella de Lucca vs Blue Med Travel Services Ltd**” tal-20 ta’ Ottubru 2003 fejn il-Qorti qalet hekk :
L-Artikolu 1141 (1) tal-Kodici Civili jiddisponi illi “jekk l-obbligazzjoni tkun ta’ xorta kummercjali jew jekk il-ligi tkun tiddisponi li l-imghaxijiet ghandhom jibdew jghoddu ipso jure l-imghaxijiet jghaddu minn dakinhar li l-obbligazzjoni kellha tigi esegwita”. Dan sakemm ma jkunx gie milhuq mill-kontendenti ftehim iehor u fil-kaz de quo il-kontendenti ma lahqu l-ebda ftehim iehor.

Illi ghalhekk il-Qorti tirrispingi ukoll it-tielet eccezzjoni tal-konvenuta peress illi t-talba tas-socjeta' attrici ghall-imghaxijiet legali hija wahda legittima.

Ghaldaqstant u ghar-ragunijiet kollha fuq imsemmija il-Qorti qeghda taqta u tiddeciedi din il-kawza bil-mod kif gej, billi filwaqt illi tilqa t-tieni eccezzjoni tal-konvenuti f'isimhom proprju, tichad l-ewwel u t-tielet eccezzjonijiet tal-konvenuti u peress illi tara illi t-talba attrici ghandha tintlaqa fil-kontumacja tal-konvenut Kenneth Dimech, bhala stralcarju in rapprezentanza ta' Triangle Investments Limited, tikkundanna lill-konvenut Kenneth Dimech nomine sabiex ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' tnejn u ghoxrin elf mitejn u erba u hamsin euro u tlieta u tmenin euro centezmu (€22,254.83), ekwivalenti ghal disghat elef hames mija u erbgha u hamsin Lira Maltin (Lm9554) b'dan illi tirrizerva lis-socjeta' attrici kwalsiasi azzjoni li tista tkun spettanti lilhom kontra l-konvenuti Noel Agius u Andre Agius f'isimhom proprju taht xi ligi ohra.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut nomine Kenneth Dimech.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------